**4 ta' Diċembru, 1964**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

John Caruana et.

*versus*

Angiolino Cilia.

**Tħassir ta' Għarusija — Danni**

*F'dan il-każ ġie ritenut li l-konvenut ma kellux raġuni leġittima biex iħassar l-għarusija b'mod tali li jista jiġi esonerat*

*mill-ħlas tad-danni materjali u mill obbligu li jirrestitwixxi r-rigali li kien irċieva mingħand l-atturi.*

Il-Qorti Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-atturi, wara li ppremettew li l-attriċi Lorenza Caruana u l-konvenut kienu ilhom għarajjes ċirka tlett snin u matul dak il-perijodu l-atturi kienu taw li l-konvenut xi oġġetti ta' għamara u ta' lbies u kienu jistednuh għall-ikel fil-ġranet tal-Ħdud — u li bla ebda raġuni valida, il-konvenut irreżilixxa minn dina l-għarusija, talbu li — premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni, partikolarment dik li l-għarusija tħassret unikament għall-ħtija tal-konvenut u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, — il-konvenut, minħabba dan ir-resiliment, jiġi kkundannat jirrestitwixxi lill-atturi fi żmien qasir u perentorju dak kollu li kien irċeva u in difett li jħallas il-valur tagħhom u fit-tieni lok jirrisarċixxi d-danni li huwa kkaġuna lill-atturi, likwidabbili jekk hemm bżonn permezz ta' perit, bl-imgħax legali u b'-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-tieni (2) ta' Mejju, 1963.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha qal illi d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress li huwa ħassar l-għarusija għal-raġuni ġusta, illi mingħajr preġudizzjoni għall-ewwel eċċezzjoni l-oġġetti tal-għamara in kwistjoni ingħataw lill-omm l-eċċipjenti u mhux lilu.

Rat is-sentenza ta' dik l-Onorabbli Qorti tas-sbatax (17) ta' Ġunju, 1964 li biha ddeċiediet billi laqgħet it-talba tal-atturi, u kkundannat lill-konvenut jirrestitwixxi lill-atturi l-oġġetti ndikati bin-numri 6, 7, 9 fid-dokument A fiż-żmien ta' ġimgħa mid-data tas-sentenza u fin-nuqqas ikun kundannat iħallas il-valur rispettiv tagħhom hemm indikat, ammontanti komplessivament għas-somma ta'

ħmistax il-lira, u ħames xelini ((£15.5.0); u jħallas lill-atturi in linea ta' danni s-somma ta' tmienja u erbgħin lira, tlett xelini u sitt soldi (£48.3.6); bl-imgħax legali mill-istess data u l-ispejjeż stanti dak li rriżulta mill-ittra uffiċjali fuq riferita, jibqgħu mingħajr taxxa iżda d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-konvenut, wara li kkunsidrat:

Li l-attriċi Lorenza Caruana ntentat dina l-kawża għax tippretendi li l-konvenut ħassar l-għarusija mingħajr raġuni valida; il-konvenut jallega li huwa kien ġustifikat li jagħmel hekk, għaliex sama li l-attriċi kienet tqila u kellha tifel illeġittimu.

Li rriżulta wkoll li l-attriċi waqt l-għarusija kienet tat lill-konvenut xi rigali u għamlet l-ispejjeż indikati fil-prospett ġa fuq riferit.

Li għalhekk, l-ewwel indaġini li għandha tagħmel dina l-Qorti hija dik, jekk, ċioe l-konvenut kienx ġustifikat jirresilixxi mill-isponsali, għall-motiv fuq imsemmi.

Li mhux kontestat li l-kontendenti damu għarajjes sentejn, u li l-attriċi mhux teżercita azzjoni ta' inġurja naxxenti minn resilment nġust ta' sponsali, iżda sempliċi azzjoni ta' danni, bażata fuq promessa verbali ta' tnejn minn nies li kellhom il-kapaċita jikkontrattaw l-għarusija, bħala stadju ta' preparazzjoni għall-kontrattazzjoni taż-żwieġ, liema azzjoni hija bażata fuq il-prinċipji ġenerali tal-obbligazzjonijiet, u l-fondament tagħha huwa att, ossija omissjoni nġusta; u d-dannu soffert in konsegwenza ta' dana l-att (Kollez. XXIV. I, 291; "App. in re Farrugia vs. Chircop" tas-sittax (16) ta' Diċembru, 1921.

Li l-kawża ġusta li tagħti lok għar-resiliment tal-għarusija għandha tiġi ravvisata f'ostakolu jew impediment ta'

natura gravi, u jrid ikun fondat, u mprevedibili. Pothier, a propositu, jesklama: "Io sono liberato dal vincolo degli sponsali quando è sopraggunto alla persona a cui fui promesso in isposo qualche cosa che mi avrebbe impedito di contrarli se l-avessi prevista" (Trattat Matrim. pag. 1042). L-istess awtur jiċċita każi konkreti bħal ma huma l-mard (v. Kollezz. XXX, II, 118), "rovescio di fortuna" etc., biex juri li l-inċident sopraġġunt irid ikun imprevedibili, u l-importanza tiegħu hija tali, li bih ma kienux jiġu kontrattati ebda sponsali. Merlin, imbagħad, fost il-kawżi ġusti ta' resiliment jelenka "qualche infamia sopraggiunta ad uno dei fidanzati." — Dan jfisser li l-inċident sopraġġjunt irid ikun ta' gravi konsiderevoli li jiskonfina fil-forza maggiore, u skond sentenza tal-Appell ta' Genova (Fadda, Comm. Art. 1225-1226, para 557) segwita mill-Qrati Tagħna (Kollez. XXIX II, 656) jingħad li: "Pure ammettendo che il caso di forza maggiore possa concretarsi anche nell' impossibilita soggettiva di adempiere l'obbligazione non puo riscontrarsi tale impossibilita nella semplice difficolta a meno che questa non richieda per essere superata uno sforzo cosi eccezionale ed un onere tale che confini con l'impossibile." Billi hawn ninsabu f'materja ta' ħtija aqwiljana, għandu jiġi eżaminat jekk il-kawża tar-resiliment kienetx animata minn "leggerezza o capriccio" (Laurent Vol. II para. 308, pag. 22).

Li mill-provi jemerġi konflitt b'linja ta' demarkazzjoni netta bejn l-versjoni tal-atturi u dik tal-konvenut; iżda ċirkostanza korroboranti dina l-Qorti ssibha fid-dikjarazzjoni li kemm il-darba l-konvenut wera li ma kienx qiegħed jagħti mportanza lill-għejdud tan-nies, b'mod speċjali ta' Mary Azzopardi u ta' ommu, meta kien jgħid lill-attriċi: "Jiena miegħek għandi x'naqsam mhux ma' oħti u ommi." Infatti l-istess konvenut ammetta li huwa ma vverrifikax

jekk dana d-diskors kien veru jew inkella le avvolja qabel ma kien qatt sama xejn fuq l-għarusa.

Li dana l-kumulu ta' ċirkostanzi li kkulminaw f'dina l-infamja għak-kariku tal-attriċi, li mħabba l-fatt stess li ma setgħetx tiġi pruvata, u li kienet kampata in arja jew il-prodott tal-ilsien ħażin ta' Maria Azzopardi li kienet dejjem tiġġieled ma oħtha l-attriċi, qabel ma żżewġet — spiċċaw biex inġeneraw f'moħħ il-konvenut stat ta' avversjoni lejn l-għarusa, li soġġettivament irrenda mpossibili l-prosegwiment tal-għarusija, u spiċċa biex qalilha li marritlu l-volonta.

Li dina l-Qorti, qabel xejn mhiex sejra tidħol fl-indaġni tal-fatti biex tiġi verifikata r-realta o meno tal-akkuża, rivolta lill-attriċi, għaliex il-prova speċifika ma tistax tiġi esperita bil-mezzi proċedurali għad-disposizzjoni ta' dina l-Qorti, jibqa dejjem, pero, il-fatt li kemm l-attriċi kif ukoll il-ġenituri tagħha, u l-istess oħtha, li ħolqot dana l-gwaj, bil-ġurament ċaħdu, li l-attriċi qatt kienet inċinta jew kellha tarbija. L-istess ġirien jgħidu li fuq l-attriċi qatt ma semgħu xejn, ħlief dak li huma jgħidu li qaltu oħtha.

Li taħt dawn iċ-ċirkostanzi, dina l-Qorti tħoss li l-motiv li ġiegħel lill-konvenut iħassar l-għarusija, mhux tali li jesonerah mir-responsabilita tiegħu għad-danni. F'materja ta' akkuża simili, mhux plawsibili li l-għarus għandu joqgħod biss għall-għajdud li kultant huma l-prodott tal-għira u ta' animu pervers u li ta spiss jivverifikaw ruħhom bħala reazzjoni għal xi offiża subita, biex mill-impotenza tas-subizzjoni l-offiż jieħu r-rivinċta tiegħu bi kwalunkwe mezz, okkorrendo u kif ta' spiss jiġri anki bil-kalunnja tad-disunur.

Li f'sitwazzjoni gravissima bħal din, għar-reputazzjoni

tal-attriċi, dina l-Qorti tesiġi l-prova konkludenti tar-realta tal-fatti li jiffurmaw l-oġġett tal-akkuża li tat lok għar-resiliment, għaliex, fuq sempliċi mormorazzjonijiet u maldiċenza, ma jkunx ġust u anqas leċitu li tiġi ammessa l-pretensjoni tal-konvenut, u b'dana l-mod tiġi aggravata s-sitwazzjoni morali u soċjali tal-attriċi jekk toħroġ sokkombenti f'dina l-kawża li kellha bħala motiv tar-resiliment l-allegata tqala jew twelid ta' tarbija illeġittima. Fatti li ma ġewx menomament pruvati. Dina x-xnigħa rriverberat ruħha fl-okkażżjoni tat-tieni għarusija tal-attriċi anki qabel ma nqatgħet dina l-kawża, meta l-għarus te'aq għax qal li sejjer jinqabad b'gamblu jinten u dina x-xnigħa tibqa tippersegwita nġustament lill-attriċi jekk, kuntrarjament għar-riżultanzi proċesswali, l-att tar-resiliment tal-konvenut isib il-ġustifikazzjoni tiegħu fuq il-motivi minnu allegati.

Li fid-dottrina ġuridika nsibu każ analogu bħal dak in diskussjoni, iżda, mentri fil-kawża odierna ma saret ebda prova konvinċenti, fil-każ ċitat minn Pothier u Laurent, l-għarus kien ipprova "che la fidanzata era divenuta incinta dopo la promessa di matrimonio: e questo" — tkompli tas-serixxi sentenza tal-Qorti ta' Roven tal-għoxrin (20) ta' Marzu, 1813 — "un motivo legittimo pel futuro sposo di rifiutarsi all'esecuzione delle promesse contenute nel contratto di mattrimonio, cio che basta per rigettare l-azione di danni — interessi" (Laurent, ibid; para. 309 pag. 323).

Li, kif ġa premess, il-konvenut mhux biss mhux qiegħed jippretendi li t-tqala kienet teżisti waqt l-għarusija, bħal fil-każ ċitat, iżda anqas ma nteressa ruħu biex jivverifika jekk dak li ntqal li ġara qabel l-għarusija kienx veru jew le. Għalhekk taħt dawn iċ-ċirkostanzi l-konvenut wera leġġerezza u debolezza ta' karattru, u għalhekk ma jistax

jiġi esonerat mill-konsegwenzi tar-resiliment inġustifikat, li jirrisolvu ruħhom fir-risarċiment tad-danni.

Lid-disposizzjoni tal-artikolu 1088(1) tal-Kodiċi Ċivili, għar-rigward tad-danni risarċibili mill-għarus fedifragu, għandha tiġi applikata anki in konkomitanza mad-disposizzjoni tal-artikoli 1904 u 1905 tal-Kodiċi Ċivili. Infatti fuq liskorta ta' dawna l-artikoli l-Qrati Tagħna dejjem irritenew li r-rigali jibqgħu ta' min jagħmilhom, u min jerċevilhom għandu biss jużhom waqt iż-żwieġ, u għalhekk għandu jirrestitwihom lid-donant jekk iż-żwieġ ma jsirx; mentri filkaż tad-donazzjoni l-oġġett donat isir tad-donatorju, taħt il-kondizzjoni li ż-żwieġ isir, b'dana pero, li d-donatarju jista jżomm l-oġġetti lilu donati jekk iż-żwieġ ma jsirx bi ħtija tad-donant (Kollez. XXI, II, 210; XXIX, II, 797; Kollez. XXXI, I, 270; XXXII, I, 268).

Li, inoltre fid-danni kontemplati fl-art. 1088 (1) fuq ċitat: "Va compresa soltanto ogni spesa e ogni perdita di denaro o di lavoro sofferta a beneficio tanto dello sposo quanta dei membri della sua famiglia." (Kollez. XXV, II, 114).

Li l-attriċi fin-nota tagħha qegħda tippretendi diversi partiti ta' danni ammontanti komplessivament għas-somma ta' disgħa u sebgħin lira, ħdax-il-xelin u sitt soldi (£79.11.6) biss il-partita li tirrigwarda l-ħasil għandha tiġi limitata għal sena u għandha għalhekk tiġi ridotta skond l-istess deposizzjoni tal-attriċi għal għaxar liri u għaxar xelini (£10.10.0) minflok tlieta u għoxrin lira u għaxar xelini (£23.10.0).

Li l-partiti ndikati bin-numri 3, 4, 5, fin-nota m'għandhomx jiġu kunsidrati għall-fini tat-talba għaliex ma jist-

għux jitqiesu bħala rigali mogħtija in kontemplazzjoni tal-għarusija se maj tibqa riservata kwalunkwe azzjoni oħra lill-atturi "si et quaternus", għar-restituzzjoni jew ħlas tal-valur tagħhom.

Li dina l-Qorti, wara li ħadet in konsiderazzjoni d-durata tal-għarusija, l-ogħti tal-ħajja, u l-preżżijiet korrenti tal-ġeneri alimentari u tal-ħwejjeġ, u r-rata elevata tal-pretensjoni ta' ċerti serviġi; u wara li kkunsidrat ukoll il-pretensjoni irrisorja tal-atturi reklamata fl-ittra uffiċjali minnhom mibgħuta lill-konvenut fit-tnejn (2) ta' Mejju, 1963 salv dak li sejjer jingħad fuq il-kap tal-ispejjeż, waslet għall-konklużżjoni, wara li ġie ridott il-valur tas-sodda tal-ħadid, tal-gwardarobba tal-abjad u tal-imħadda — b'kollox tlett liri u tlett xelini (£3.3.0) li l-atturi jistħoqqilhom li jitħallsu mingħand il-konvenut, bħala valur ta' danni likwidati, bis-somma ta' tlieta u sittin lira, tmien xelini u sitt soldi (£63.8.6).

Rat in-nota li biha l-konvenut appella minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata billi jiġu miċħudin it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

Rat ir-risposta ta' l-atturi li qalu li l-appell ta' l-konvenut għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż u fl-istess ħin appellaw inċidentalment mill-kap ta' l-ispejjeż u talbu li jiġi revokat billi jiġi deċiż li l-konvenut għandu jħallas l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

**Fuq l-appell prinċipali tal-konvenut:—**

Il-fatti rilevanti huma ġa suffiċientement esposti fis-sentenza appellata. Mhux kontestat illi kien l-appellant li ħassar l-għarusija u l-kwistjoni hi biss jekk, il-fatti pruvati, jurux illi hu kellu raġuni leġittima biex iħassaraha, b'mod tali li jista jiġi eżonerat mill-ħlas tad-danni materjali li sofrew l-atturi u mill-obbligu li jirrestitwixxi ċ-ċurkett ta' għarusija u xi rigali li hu kien irċeva minn għand l-atturi.

L-ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-konklużżjoni illi l-appellant ma kellux din ir-raġuni u dan għaliex irriteniet illi hu aġixxa b'leġġerezza u preċipitazzjoni li jammontaw għall-kolpa.

L-appellant jilmenta minn din il-konklużżjoni għaliex jissottometti li hu kien ġustifikat iħassar l-għarusija meta oħt l-istess attriċi affermat fil-pubbliku illi l-attriċi kellha tarbija. "Din kienet" — jgħid l-appellant — "affermazzjoni speċifika u gravi magħmula minn membru tal-familja li kellha l-possibilita li tkun taf x'ġara u li probabilment fis-saħna tal-ġlied ma rreżistietx it-tentazzjoni li tiżvela s-sigriet tal-familja." Fi kwalunnkwe każ, ikompli jgħid l-appellant, il-Qorti ma kelliex — u anqas din il-Qorti ma għandha — tidħol biex tara jekk dak li qalet oħt l-attriċi kienx veru jew le: il-Qorti kellha tara biss jekk, wara li hu semgħa dak id-diskors kienx ġustifikat li jħassar. L-ewwel Onorabbli Qorti stess ikkonċediet illi l-kliem in kwistjoni spiċċa biex iġġenera f'moħħu stat ta' avversjoni lejn l-attriċi li soġġettivament irrenda mpossibbli l-prosegwiment ta' l-għarusija, u — ikompli iżid l-appellant — stat ta' dubju u ta' suspett insormontabbli li sata biss jiġi in parti aċċertata wara ż-żwieġ meta kien ikun tard wisq. Dan oltre l-fatt illi l-akkuża magħmula minn oħt l-attriċi ġriet mar-raħal kollu.

Din il-Qorti, fil-waqt illi tifhem il-forza tar-raġjona-

menti ta' l-appellant u ħad:thom fil-kunsiderazzjoni l-iktar serja tagħha, ma tħossx illi huma biżżejjed biex iġgħaluha tiddiskosta ruħha mill-konklużżjoni raġġunnta mill-ewwel Onorabb'i Qorti.

Mix-xhieda tiegħu stess mogħtija quddiem l-ewwel Qorti j'dher b-aktar mod ċar illi l-appellant hekk kif l-imsemmi diskors intqal, assuma u baqa jsostni anki ma tul il-kawża bla ebda xejn iżjed, il-verita oġġettiva tiegħu. Hu beda biex jirriferixxi għal dak id-diskors bħala **"fatt li ġie lilhu moħbi,"** u kompla jgħid li "deherlu li ma kellhomx ma jinfurmawhx b'ħaġa bħal din" u li "l-fatt ġara" meta hu kien ġa tefa għajnejh fuq l-attriċi.

Hu nnifsu wkoll stqarr li hu ma għamel ebda verifika biex jara jekk dak id-diskors kienx minnu, għax deherlu — kif qal — li kellu joqgħod fuq dak li qalet oħtha, u ż'ed illi anki jekk jirriżulta illi dak id-diskors ma kien veru xejn, hu jħoss li ma għandux ikompli l-għarusija.

S'intendi, f'din i-kawża l-kwistjoni vera m'hijiex jekk l-appellant għandux ikompli l-għarusija jew le. Kwantu għall-għarusija fiha nnifisha, l-appellant seta jekk jidhirlu jħassarha. Il-kwistjoni f'din il-kawża hi jekk, meta ħassar l-għarusija, l-appellannt ikkontrahix ir-responsabbilita li jindiennizza lill-atturi ta' l-ispejjeż li huma kienu nkorrew għalih minħabba dik l-għarusija u li jroddilhom lura r-rigali li huma tawh minħabba l-istess għarusija.

Din il-Qorti — għall-finijiet ta' din ir-responsabbilita — ma tistax ma tirraviżax ħtija fl-appellant. Il-kliem, kif xehdu l-istess xhieda tal-appellant, intqal minn oħt l-attriċi, wara ġlieda li l-istess Mary Azzopardi kellha ma l-attriċi u li minħabba fiha kienet qalgħet daqqa fuq wiċċha

mingħand missierha. L-istess appellant fil-petizzjoni ddeskriva l-istat adirat ta' Mary Azzopardi bħala "saħna talġlieda." Omm l-appellant xehdet li Mary Azzopardi ta' sikwiet kienet tiġġeled ma l-attriċi u li hi stess kienet "issikkitha." Anki oħt l-appellant qalet illi Mary Azzopardi ta' sikwiet kien ikollha xi tgħid ma l-attriċi.

Fil-fehma tal-Qorti din kienet raġuni għalhiex l-appellant messu mexa b'kawtela qabel jassumi, bla ebda verifika jew prova oħra, bħala veru d-diskors li ntqal. Mhux l-ewwel darba, kif hi esperjenza komuni, illi f'ambjenti soċjali bħal ma huwa dak tal-partijiet u fi ġlied, jingħad diskors goff u eżaġerat bla ebda relazzjoni neċessarja mal-verita oġġettiva tiegħu.

L-istess xhieda ta' l-appellant u l-appellant innifsu anqas jaqblu bejnithom fuq id-diskors eżatt li suppost intqal. Apparti dan, ħadd minnhom ma jsemmi li Mary Azzopardi irriferiet ruħha għal xi żmien partikolari. Eppure l-appellant, ħadu fuqu nnifsu, li mhux biss jassumi l-verita taddiskors imma li, per fino, kif ġa ntqal, jirriferih għal epoka determinata, bla ebda ħiel jew tenntativ ta' prova.

Intant l-istess apellant xehed illi, qabel dak id-diskors ta' Mary Azzopardi, "hu qatt ma kien sama xejn fuq l-għarusa". L-istess ħaġa xehdu Vincenza Busuttil, li ċioe "fuq l-attriċi qatt ma semgħet xejn" ma tul iż-żmien li kienet toqgħod ġirien tagħha, u omm l-appellant. "Fuq l-għarusa tat-tifel, kemm ilhom li ġew joqgħodu hemm ħdejna, inkluż iż-żmien ta' l-għarusija, qatt ma nista ngħid li smajt jew rajt xi ħaġa ħażina fuq il-kondotta tagħha"; u oħt l-appellant Giuditta Micallef "jiena ma naf xejn personalment fuq il-kondotta ta' l-attriċi."

Skond dawn ix-xhieda ġie li kien hemm xi nies li kienu jgħidulhom vagament illi "l-attriċi ma kienetx tixraqlu"

lill-appellant jew "li sata sab aħjar," iżda ta' dan l-għajdud, l-appellant stess qal, illi ma kienx jagħti każ għax kien iħobb lill-attriċi.

F'dawn iċ-ċirkostanzi kien doverus għall-appellant li ma jippreċipitax kif għamel. Bla ebda ħsieb, bla ebda verifika, bla ebda kliem bla ma talab ebda spjegazzjoni, dak il-mument stess hu bagħat jitlob iċ-ċurkett lura.

Intant, il-fatt importanti huwa, illi sa fejn iwasslu l-provi, magħmulin f'dan il-proċess, id-diskors ta' Mary Azzopardi kien malafama, bla bażi ta' verita. Mhux biss Rosina Caruana xehdet illi bintha, l-attriċi "qatt ma kellha xejn u lanqas sintomi ta' xi ħaġa li setgħu jġagħluni naħseb li din seta kellha xi relazzjonijiet ma xi raġel ieħor;" u mhux biss l-attriċi kategorikament ċaħdet il-fatt; iżda anki ma tul il-kawża, l-attriċi permezz ta' ommha offriet li tissottometti ruħha għall-eżami mediku biex turi l-verġinita tagħha, u l-appellant permezz ta' l-avukat tiegħu, iddeklina dina l-offerta.

Manifestament mhux ġust u lanqas sewwa illi l-appellant, sa f'din il-kawża stess, baqa jsostni jew jassumi kif għamel fix-xhieda tiegħu (kif intwera aktar il-fuq) l-allegazzjoni ta' Mary Azzopardi bħala fatt li ġara, u fl-istess ħin jinvita lill-Qorti biex tiddisinteressa ruħha mill-verita o meno ta' dik l-allegazzjoni, meta mill-provi akkwiżiti din il-verita tinsab eskluża.

Għalhekk din il-Qorti hi ta' fehma illi l-appellant kien in kolpa fis-sens li aġixxa b'leġġerezza kif intqal fuq.

Subordinatament l-appellant issottometta illi l-ammont fissat bħala danni mill-ewwel Qorti huwa eżaġerat. Hu jgħid

illi l-ammont ta' sittax il-lira. tnax-il xelin u sitt soldi (£16.12.6) għall-"ovaltine" hu eċċessiv, kif hu eċċessiv ukoll l-ammont ta' sebgħa liri u xelin (£7.1.0) għall-ikel, mentri l-ammont ta' tlieta u għoxrin lira u għaxar xelini (£23.10.0) għall-ħasil ta' ħwejjeġ ma għandu jissemma xejn.

Fuq il-partiti l-oħra inklużi fil-kont akkordati mill-ewwel Qorti, m'hemm ebda kumment avvers fil-petizzjoni ta' l-appellant.

Il-Qorti jidhrilha illi l-partita ta' sittax-il lira, tnax-il xelin u sitt soldi (£16.12.6) ikkalkolata fuq il-bażi ta' erba darbiet kuljum għall-perijodu kollu ta' l-għarusija bis-/6d. kuljum hi forsi kemm xejn eċċessiva. Ma jidherx kontestat illi l-'Ovaltine' kien jixtriha l-appellant u l-atturi kienu jikkontribwixxu biss il-misħun u z-zokkor. Anki d-drabi kuljum li l-appellant kien jieħu dan l-'Ovaltine' ma jidherx li kienu iżjed, bħala medja, minn darbtejn kuljum. Għalhekk l-ammont jista', fil-fehma tal-Qorti, jiġi ridott għal, ngħidu aħna, għaxar liri (£10).

L-ammont ta' sebgħa liri u xelin (£7.1.0) għall-ikel, meħud rigward tal-fatt, depost mill-appellant u mhux negat mill-attur, illi kull darba l-appellant kien jixtri l-imbid u l-'coca' u li dan l-ikel għand l-atturi kull nhar ta' Ħadd ma ġarax għall-perijodu kollu ta' l-għarusija, il-Qorti tirreduċih għal erbgħa liri (£4).

Il-partita għall-ħasil tal-ħwejjeġ li fil-kont kienet ta' tlieta u għoxrin lira u għaxar xelini (£23.10.0) ġa ġiet mill-atturi stess ridotta għall-għaxar liri u għaxar xelini (£10.10.0) u l-Qorti ma jidhriliex li għandha tirriduċiha ulterjorment.

B'dan il-mod l-ammont totali li l-appellant għandu jħallas lill-atturi bħala danni flok tmienja u erbgħin lira, tlett xelin u sitt soldi (£48.3.6) ikun ta' tmienja u tletin lira u għaxar xelini (£38.10.0).

**Ikkunsidrat fuq l-appell inċidentali ta' l-atturi —**

L-ewwel Onorabbli Qorti tidher illi mmoderat l-ispejjeż fis-sens li ordnat li — ħlief għad-dritt tar-Reġistru li kellu jħallsu l-konvenut — jibqgħu mingħajr taxxa, unikament għaliex fl-ittra uffiċjali tagħhom qabel il-kawża, l-appellanti kienu ppretendew bħala danni l-ammont biss ta' tnax il-lira u għaxar xelini (£12.10.0) għall-ikel li l-konvenu kien ħa.

L-atturi jilmentaw minn din ir-ripartizzjoni ta' l-ispejjeż, għaliex id-domanda tagħhom magħmula biċ-ċitazzjoni kienet għall-likwidazzjoni tad-danni. Il-fatt illi fil-kawża ġie likwidat ammont akbar minn dak li l-atturi kienu lesti biex jaċċettaw biex jevitaw il-kawża, mhux raġuni biex issa jbatu l-ispejjeż tagħhom għal din il-kawża li pprovoka l-konvenut bir-rifjut inġustifikat tiegħu li jaddivieni għall-arranġament extra ġudizzjali.

Fil-fehma tal-Qorti dan l-ilment ta' l-atturi fih innifsu hu ġustifikat. Talvolta kienet tkun raġuni tajba biex l-atturi jeħlu parti mill-ispejjeż kieku, qabel, ippretendew somma għola minn dik rikonoxxuta dovuta lilhom mill-Qorti; imma mhux meta talbu somma iżgħar. Jekk il-konvenut ma aċċettax li jħallas dak l-ammont iżgħar u ssogra l-kawża, dan fih innifsu mhux raġuni biex l-atturi ma jirbħux l-ispejjeż kollha li, naturalment jiġu ntaxxati fuq l-ottenut.

B'dana kollu però il-Qorti jidhrilha li hemm raġunijiet oħra għaliex l-ispejjeż għandhom jiġu xi ftit moderati iżda

f'miżura inqas. L-ewwel Qorti eskludiet mit-talba ta' l-attriċi tliet partiti indikati fil-kont tagħhom, ċioe dawk numri 3, 4 u 5. Aktar importanti huwa fil-fehma tal-Qorti illi l-konvenut, għad illi ġie ritenut responsabbli tad-danni lejn l-atturi, ma jistax jingħad illi fiċ-ċirkostanzi kien temerarju jew frivolu meta kkontesta l-pretensjoni ta' l-atturi ġudizjarjament.

Għalhekk il-Qorti tiddisponi mill-kawża bil-mod li ġej:

1. Tiċħad fil-meritu l-appell prinċipali tal-konvenut ħlief fis-sens limitat biss illi tirriduċi l-ammont ta' tmienja u erbgħin lira, tlett xelini u sitt soldi (£48.3.6) li hu ġie kkundannat iħallas lill-atturi in linea ta' danni għall-ammont ta' tmienja u tletin lira u għaxar xelini (£38.10.0) u f'dan is-sens biss tirriforma fil-meritu s-sentenza appellata, li mill-bqija tibqa konfermata.

2. Tilqa l-appell inċidentali ta' l-atturi iżda fis-sens biss illi tordna, rigward il-kap ta' l-ispejjeż ta' prim'istanza, illi għandhom jitħallsu erba kwinti mill-konvenut u kwint mill-atturi u f'dan is-sens tirriforma dak il-kap tas-sentenza appellata.

3. L-ispejjeż ta' din l-istanza għaż-żewġ appelli jitħallsu 5/6 mill-konvenut u 1/6 mill-atturi.